



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

14929/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0200 (NLE)

UD 325
WTO 339

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan l Kumitat tar-Regoli tal-Orġini tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan l-Kumitat tar-Regoli tal-Originari tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE¹ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995.
- (2) L-Artikolu 4 tal-Ftehim jistabbilixxi l-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini.
- (3) Il-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini għandu jadotta komunikazzjoni bit-titolu "It-Titjib tat-Trasparenza fir-Regoli Mhux Preferenzjali tal-Oriġini".
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini, peress li l-komunikazzjoni li għandha tiġi adottata ser tkun vinkolanti għall-Unjoni.
- (5) Il-pożizzjoni proposta li għandha tittieħed fisem l-Unjoni għandha l-għan li ttejjeb it-trasparenza tal-liġijiet, ir-regolamenti u l-prattiki fir-rigward tar-regoli mhux preferenzjali tal-oriġini, permezz ta' regoli dwar notifika obbligatorja jew volontarja mill-membri tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) tar-regoli mhux preferenzjali tal-oriġini tagħhom, permezz ta' mudelli standardizzati. Dan ser jirriżulta f'regoli tal-oriġini aktar ċari u aktar prevedibbli u ser jiffaċilita l-fluss tal-kummerċ internazzjonali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni fisem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' komunikazzjoni tal-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini stabbilita fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Jistgħu jiġu miftiehma bidliet tekniċi żgħar f'dak l-abbozz ta' komunikazzjoni mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

It-titjib tat-Trasparenza fir-Regoli Mhux preferenzjali tal-Orġini

Il-Membri tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ,

Billi jixtiequ jiżguraw li r-regoli tal-orġini nfushom ma joħolqux effetti li jirrestrinġu, ixekklu jew ifixklu l-kummerċ internazzjonali;

Billi jixtiequ jiżguraw li r-regoli tal-orġini jitħejjew u jiġu applikati b'mod imparzjali, trasparenti, prevedibbli, konsistenti u newtrali;

Billi jirrikonoxxu li regoli tal-orġini ċari u prevedibbli u l-applikazzjoni tagħhom jiffaċilitaw il-fluss tal-kummerċ internazzjonali;

Billi jirrikonoxxu li huwa mixtieq li tiġi pprovduta t-trasparenza fil-liġijiet, ir-regolamenti u l-prattiki fir-rigward tar-regoli tal-orġini;

Billi jixtiequ li jikkomplementaw l-obbligi ta' notifika tal-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Orġini;

Billi jaffer maw li t-titjib fit-trasparenza tal-liġijiet, ir-regolamenti u l-prattiki fir-rigward tar-regoli tal-orġini jikkontribwixxi biex jitnaqqsu l-kostijiet ta' konformità tal-operaturi ekonomiċi li jixtiequ jintegraw il-katini tal-valur globali, l-aktar l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju;

Jiddeċiedu, fir-rigward tar-regoli tal-oriġini, kif ġej:

1. Li huwa mixtieq li jinżamm u jiġi promoss livell għoli ta' trasparenza u fehim reċiproku dwar ir-regoli tal-oriġini eżistenti u r-rekwiżiti dokumentarji relatati użati mill-Membri tad-WTO. Ir-regoli tal-oriġini huma mifhuma bħala dawk li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini.
2. Sabiex tiżdied it-trasparenza u jiġi promoss fehim aħjar tar-regoli tal-oriġini, il-Membri għandhom jinnotifikaw lis-Segretarjat tad-WTO, skont l-Anness 1 ta' din id-Deċiżjoni, ir-regoli tal-oriġini li jużaw fl-applikazzjoni tat-trattament tal-aktar nazzjon iffavorit skont l-Artikoli I, II, III, XI u XIII tal-GATT tal-1994.
3. Il-Membri huma mħeġġa jimlew il-mudell ta' notifika fl-Anness 1 meta jinnotifikaw lis-Segretarjat tad-WTO dwar kwalunkwe regola oħra tal-oriġini li jużaw għall-applikazzjoni ta' strumenti oħra ta' politika kummerċjali mhux preferenzjali kif previst fl-Artikolu 1.2 tal-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini.
4. Barra minn hekk, il-Membri għandhom jiddeskrivu, skont l-Anness 2, il-prattiki tagħhom fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni tal-oriġini u provi tal-oriġini dokumentarji obligatorji oħra għal finijiet mhux preferenzjali li jkunu ġew innotifikati skont l-Anness 1¹. Il-Membri li jirrapportaw li ma jimplementawx ir-regoli tal-oriġini skont l-Anness 1 għandhom, madankollu, jimlew l-Anness 2.

¹ Dan huwa mingħajr preġudizzju għal provi tal-oriġini oħra li jistgħu jkunu meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti għal finijiet ta' kontroll.

5. In-notifiki skont il-paragrafi 2 u 4 ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu ppreżentati sa mhux aktar tard minn sena wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
6. L-informazzjoni nnotifikata skont din id-Deċiżjoni għandha ssir disponibbli għall-pubbliku mis-Segretarjat tad-WTO.
7. Kull Membru għandu, skont ir-riżorsi disponibbli tiegħu, jistabilixxi jew iżomm punt ta' informazzjoni wieħed jew aktar sabiex iwieġeb għall-mistoqsijiet iġġustifikati tal-gvernijiet, tan-negozjanti u ta' partijiet interessati oħra dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw ir-regoli tal-orijini u rekwiżiti dokumentarji relatati kif ukoll biex jipprovdu l-formoli u d-dokumenti meħtieġa¹. Il-Membri għandhom jikkomunikaw id-dettalji ta' kuntatt tal-punti ta' informazzjoni rispettivi tagħhom lis-Segretarjat tad-WTO skont l-Anness 1. Il-membri tal-pajjiżi l-anqas żviluppati għandu jkollhom sentejn biex jikkomunikaw din l-informazzjoni lis-Segretarjat tad-WTO.
8. Il-Membri għandhom jagħmlu hilitom biex jipprovdu referenzi legali, siti web, dokumenti ta' spjegazzjoni, jew kwalunkwe dokument ieħor, f'lingwa uffiċjali tad-WTO.
9. Il-Membri li jintroduċu bidliet sostantivi fir-regoli tal-orijini tagħhom u rekwiżiti dokumentarji relatati li jkunu ġew innotifikati skont din id-Deċiżjoni, għandhom jinnotifikaw minnufih tali bidliet lis-Segretarjat tad-WTO skont din id-Deċiżjoni.

¹ huwa mifhum li l-punt ta' informazzjoni jista' jkun l-istess kif stabbilit jew miżmum skont l-Artikolu 1.3 (*Punti ta' informazzjoni*) tal-Ftehim ta' Faċilitazzjoni tal-Kummerċ (TFA) u l-Membri mhumiex meħtieġa jipprovdu aktar informazzjoni jew jipprovdu aktar formoli u dokumenti minn dawk koperti mit-TFA.

10. Il-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini (CRO) għandu jeżamina r-regoli tal-oriġini eżistenti u r-rekwiżiti dokumentarji relatati abbażi tal-informazzjoni nnotifikata skont din id-Deċiżjoni, bil-għan li jiġu identifikati Prattiki li jiffaċilitaw il-kummerċ u li tiġi promossa d-diffużjoni internazzjonali tagħhom.
11. L-għajnuna mis-Segretarjat tad-WTO għandha tingħata fuq talba biex tgħin lill-Membri tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u dawk li huma l-anqas żviluppati jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni.
12. Xejn f'din id-Deċiżjoni ma għandu jiġi interpretat li jaffettwa d-drittijiet u l-obbligi tal-Membri li jinsabu fl-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini jew fl-Artikolu 1 tal-Ftehim ta' Faċilitazzjoni tal-Kummerċ.
13. Din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari l-paragrafi 2 u 3, għandha tiġi riveduta tliet snin wara l-adozzjoni tagħha, u wara dan kull meta jkun meħtieġ, bil-għan li tittejjeb aktar it-trasparenza dwar regoli mhux preferenzjali tal-oriġini kif xieraq.

ANNEX 1

MUDELL TA' NOTIFIKA GĦAL REGOLI MHUX PREFERENZJALI TAL-ORIĠINI

L-Anness 1 jista' jiġi dduplikat kemm-il darba l-membri jqisu li dan ikun meħtieġ

I. INFORMAZZJONI BAŻIKA

1)	Membru notifikatur	
2)	Punt ta' informazzjoni (Jekk possibbli, ipprova d-dettalji ta' kuntatt li ġejjin: Isem, tel., posta elettronika, sit web)	
3)	Hemm Regoli Mhux Preferenzjali tal-Oriġini fis-seħħ?	<input type="checkbox"/> Iva <input type="checkbox"/> Le* <i>* Jekk it-tweġiba tiegħek hija "Le", mhuwiex meħtieġ li jimtlew il-mistoqsijiet sussegwenti ta' dan l-Anness</i>
4)	Jekk jogħġbok indika liema strumenti tal-politika kummerċjali jużaw dawn ir-regoli mhux preferenzjali tal-oriġini (irreferi għall-Artikolu 1.2 tal-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini)	
5)	Data tad-dħul fis-seħħ jew kwalunkwe modifika sostantiva tiegħu:	
6)	Data tal-iskadenza, jekk applikabbli:	
7)	Awtoritajiet governattivi jew mhux governattivi inkarigati mill-amministrazzjoni:	
8)	Link tal-Internet għal-leġislazzjoni u kull dokument ieħor ta' spjegazzjoni, jekk applikabbli:	
9)	Kummenti, jekk applikabbli	

II. APPLIKAZZJONI TAR-REGOLI MHUX PREFERENZJALI TAL-ORIĠINI

10)	Japplikaw regoli mhux preferenzjali tal-oriġini għall-importazzjonijiet	<input type="checkbox"/> Iva	<input type="checkbox"/> Le
11)	Japplikaw regoli mhux preferenzjali tal-oriġini għall-esportazzjonijiet	<input type="checkbox"/> Iva	<input type="checkbox"/> Le
12)	Regola <i>de minimis</i> għall-applikazzjoni ta' regoli mhux preferenzjali tal-oriġini	<input type="checkbox"/> Iva	<input type="checkbox"/> Le
	Jekk Iva, jekk jogħġbok speċifika l-limitu <i>de minimis</i> u pprovdi r-referenzi legali rilevanti applikabbli għall-mistoqsijiet 10 sa 12.		

III. KRITERJI BIEX TIĠI DDETERMINATA T-TRASFORMAZZJONI SOSTANZJALI GĦALL-VALUTAZZJONI TAL-ORIĠINI TAL-OĠĠETT

13)	Kriterji ġenerali, jekk applikabbli għall-prodotti kollha:	
14)	Regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott fejn applikabbli:	
15)	Definizzjoni ta' materjal mhux oriġinarju u ta' materjal oriġinarju, jekk applikabbli:	
16)	Lista ta' operazzjonijiet minimi li ma jagħtux l-oriġini, jekk applikabbli:	
17)	Regoli residwi, jekk applikabbli:	
18)	Kwalunkwe informazzjoni oħra li l-membri jgħid li hija meħtieġa (ipprovdi link tal-Internet, jekk xieraq)	

IV. DEĊIŻJONIJIET BIL-QUDDIEM

Jin ħarġu deċiżjonijiet bil-quddiem dwar l-oriġini ta' oġġett?¹	<input type="checkbox"/> Iva <input type="checkbox"/> Le
Awtorità inkarigata mill-ħruġ ta' deċiżjonijiet bil-quddiem (dwar l-oriġini)	
Struzzjonijiet dwar l-applikazzjoni għal deċiżjoni bil-quddiem	
Link tal-Internet għal-leġislazzjoni u kwalunkwe referenza legali oħra rilevanti:	

¹ Kif iddefinit fl-Artikolu 2(h) tal-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini u fl-Artikolu 3 tal-Ftehim ta' Faċilitazzjoni tal-Kummerċ.

ANNEX 2

MUDELL TA' NOTIFIKA GĦAL REKWIŻITI DOKUMENTARJI RELATATI MA' REGOLI MHUX PREFERENZJALI TAL-ORIĠINI

1)	Rekwiżiti obbligatori għaċ-ċertifikat u/jew kwalunkwe prova tal-oriġini dokumentarja obbligatori oħra għall-importazzjonijiet?	<input type="checkbox"/> Iva <input type="checkbox"/> Le**
2)	Rekwiżiti obbligatori għaċ-ċertifikat u/jew kwalunkwe prova tal-oriġini dokumentarja obbligatori oħra għall-esportazzjonijiet?	<input type="checkbox"/> Iva <input type="checkbox"/> Le**
3)	Hemm format standardizzat jew preskritt u/jew kontenut taċ-Ċertifikat u/jew kwalunkwe prova tal-oriġini dokumentarja obbligatori oħra? Jekk Iva, jekk jogħġbok ehmeż kopja jew ipprovdi d-dettalji rilevanti fl-Appendiċi ta' dan l-Anness	<input type="checkbox"/> Iva <input type="checkbox"/> Le <i>** Jekk it-tweġibiet għall-mistoqsijiet 1 u 2 huma "Le", mhuwiex meħtieġ li jimtlew il-mistoqsijiet sussegwenti ta' dan l-Anness</i>
4)	Jekk jintalab biss f'ċirkostanzi speċifiċi, jekk jogħġbok iddeskrivi l-każijiet li għalihom jintalab ċertifikat (jew provi tal-oriġini dokumentarji obbligatori oħra) u l-format rispettiv (il-forma preskritta jew oħrajn).	
5)	Jekk ir-rekwiżiti obbligatori għaċ-ċertifikat u/jew kwalunkwe prova tal-oriġini dokumentarja obbligatori oħra huma limitati għal ċerti prodotti, jekk jogħġbok speċifika għal liema Kapitoli tas-SA u l-format rispettiv (fil-forma preskritta jew oħrajn).	

6)	Eżenzjonijiet għar-rekwiżiti obbligatorji ta' preżentazzjoni ta' ċertifikat u/jew ta' kwalunkwe prova tal-orġini dokumentarja obbligatorja oħra (eż. kunsinni b'valur baxx, kunsinni postali, ...)	
7)	Awtoritajiet governattivi jew mhux governattivi maħtura għall-ħruġ ta' ċertifikat u/jew kwalunkwe prova tal-orġini dokumentarja obbligatorja oħra, jekk applikabbli	
8)	Jekk jogħġbok ipprovdri r-referenzi legali rilevanti applikabbli għall-Mistoqsijiet 1 sa 7	

ANNEX 2 – APPENDIĊI

Jekk jogħġbok ehmeż il-formola preskritta u/jew il-link tal-Internet mal-formola preskritta taċ-Ċertifikat tal-oriġini (jew prova tal-oriġini dokumentarja obbligatorja oħra), jekk applikabbli
